Synod 2021 2023

For a synodal Church

communion | participation | mission

# LEJN KNISJA SINODALI:
# KOMUNJONI, PARTEĊIPAZZJONI U MISSJONI

## LINJI GWIDA GĦALL-PARROĊĊI
## GĦAL-LAQGĦAT PARROKKJALI

L-ARĊIDJOĊESI TA’ MALTA

**TALBA GĦAS-SINODU**
***ADSUMUS SANCTE SPIRITUS***

Ninsabu hawn quddiemek, o Spirtu s-Santu,
waqt li ninġabru lkoll f'ismek.

Kun int biss li tmexxina, ejja oqgħod fi qlubna bħal f'darek;
għallimna t-triq li jeħtieġ nimxu fiha
u wrina kif għandna nimxuha.

Aħna dgħajfa u midinbin; tħalliniex inġibu t-taħwid.
Tħallix li l-injoranza teħodna fit-triq żbaljata,
lanqas li l-preferenzi tagħna jinfluwenzawna f'dak li nagħmlu.

Agħmel li nsibu fik l-għaqda tagħna
hekk li nimxu flimkien lejn il-ħajja ta' dejjem
u ma nitbiegħdu qatt mit-triq tal-verità u minn dak li hu sewwa.

Dan kollu nitolbuh lilek li taħdem dejjem u kullimkien,
fl-għaqda mal-Missier u mal-Iben,
għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

**X’inhu Sinodu?**

Il-kelma ‘Sinodu’ tfisser assemblea u hija okkażjoni ta’ laqgħa, smigħ u riflessjoni. Is-Sinodu hu magħruf l-iktar bħala ċelebrazzjoni ta’ laqgħat ekkleżjali u ġemgħat tal-Isqfijiet u l-protagonista tas-Sinodu huwa l-Ispirtu s-Santu.

**Konsultazzjoni mal-Poplu ta’ Alla**

Il-Knisja ta’ Alla qed tiġi msejħa għal Sinodu bejn is-snin 2021-2023 bit-tema “Lejn Knisja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni”. B’din is-sejħa, il-Papa Franġisku qed jistieden lill-Knisja kollha biex tirrifletti fuq tema deċiżiva għall-ħajja u l-missjoni tagħha. B’hekk kull parroċċa f’Malta hi msejħa biex tiddixxerni u tiffoka fuq dawk l-aspetti tas-sinodalità li huma l-iktar relevanti għar-realtà tagħha.

L-għan tas-Sinodu mhuwiex li nipproduċu dokumenti, imma li “nnibbtu ħolmiet ġodda, jitqanqlu profeziji u viżjonijiet, iwarrdu t-tamiet, nistimulaw fiduċja, ninfaxxaw il-ġrieħi, ninsġu relazzjonijiet, intellgħu żerniq ta’ tama, nitgħallmu lil xulxin, u noħolqu immaġinarju pożittiv li jdawwal l-imħuħ, isaħħan il-qlub, irodd il-qawwa lid-dirgħajn”. (Il-Papa Franġisku)

**Konsultazzjoni mal-Knisja f’Malta**

Bħala Knisja f’Malta, aħna msejħin sabiex nirriflettu fuq t-tema tas-Sinodu. Kull parroċċa hi msejħa biex tiddixxerni u tiffoka fuq dawk l-aspetti tas-sinodalità li huma l-iktar relevanti għar-realtà tagħha biex b’hekk tgħix iktar f’komunjoni, b’parteċipazzjoni sħiħa li tgħinna tinfetaħ għall-missjoni.

Din il-konsultazzjoni torbot ukoll mal-mixja ta’ tiġdid li qed nagħmlu bħala Knisja f’Malta permezz tal-process ‘Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed’ fejn qed nirriflettu fuq l-erba’ temi:

Knisja li Tisma' – kontemplazzjoni
Knisja li Tilqa' – rikonċiljazzjoni
Knisja li Takkumpanja – formazzjoni
Knisja li Toħroġ – missjoni bħala qadi

**X'inhi s-sinodalità?**

Is-sinodalità hija wisq aktar minn ċelebrazzjoni ta' laqgħat ekkleżjali u ġemgħat ta' Isqfijiet, jew kwistjoni ta' sempliċi amministrazzjoni interna tal-Knisja. Hija mixja flimkien li tirrappreżenta t-triq għalliema għall-Knisja, imsejħa biex tiġġedded taħt l-azzjoni tal-Ispirtu u grazzi għas-smigħ tal-Kelma. Tindika l-*modus vivendi et operandi* speċifiku tal-Knisja Poplu ta' Alla li turi u twettaq b'mod konkret il-komunjoni tagħha billi timxi flimkien, tinġema' f'assemblea u tagħti sehem attiv lill-membri tagħha fil-missjoni tagħha ta' Evanġelizzazzjoni.

**Għaliex għandna nagħtu sehemna?**

Din hija opportunità:

- ta' dixxerniment personali u komunitarju;
- ta' qsim tal-esperjenzi mgħixa tal-fidi tagħna;
- biex nimmaġinaw u nikkreaw futur differenti għall-missjoni tagħna bħala Knisja;
- biex nikkontribwixxu għall-ġid tal-Knisja universali.

**Il-laqgħat jistgħu jsiru:**

- Fuq livell ta' Kunsill Parrokkjali, Kummissjonijiet jew gruppi;
- Fuq livell ta' Unità Parrokkjali;
- Ma' gruppi parrokkjali li jirrappreżentaw diversi realtajiet tal-parroċċa, biex nisimgħu lil kulħadd: lajċi – adulti, żgħażagħ u tfal;

kleru u reliġjużi; kulturi, ministeri u kariżmi diversi, kif ukoll livelli soċjali varji;

- Ma' gruppi ta' nies li jistgħu jħossuhom imwarrbin jew emarġinati.

**B'mod prattiku, kif jistgħu jitmexxew il-laqgħat?**

**Preparazzjoni qabel**

- Nagħżlu *leader* biex jikkordina l-proċess fil-parroċċa/għaqda;
- Nagħżlu lil xi ħadd biex imexxi l-grupp partikulari;
- Nagħżlu **tema** mill-għaxar proposti marbuta ma' dan il-"vjaġġ" sinodali. Nadattaw it-tema għall-kuntest lokali u parrokkjali.

**Struttura tal-laqgħa**

i. Nidħlu fi spirtu ta' talb, nitolbu t-talba għas-Sinodu (Adsumus) u nisimgħu l-Kelma ta' Alla;

ii. Kull persuna taqsam ir-riflessjoni tagħha fuq it-tema/il-mistoqsija prinċipali. Inħallu spazju biex kulħadd ikollu ċans jesprimi ruħu; nisimgħu lil xulxin b'mod profond mingħajr ma ninterrompu lil xulxin;

iii. Wara li kulħadd ikun esprima ruħu, jista' jsir djalogu bejn il-membri: X'kien dak li ħalla faraġ spiritwali fina? Dan il-punt ngħożżuh/inħalluh idawwalna. X'inhu dak li ġab niket fina? Liema passi l-Ispirtu qed jistedinna nwettqu biex nikbru fil-"mixja flimkien" tagħna?

**Komunikazzjoni**

- **Nieħdu n-noti biex ikun jista' jintbagħat rapport mill-kordinatur tal-parroċċa/għaqda ta' mhux aktar minn paġna (A4) bil-punti prinċipali fuq l-email sinodu@maltadiocese.org**

## Skema għal-Laqgħa ta’ smigħ parrokkjali ibbażata fuq it-temi tas-Sinodu

- Nitolbu t-talba għas-Sinodu;
- Nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-proċess tas-Sinodu;
- Fi gruppi żgħar, nirriflettu fuq tema mill-għaxar temi pprovduti. Naħsbu u niddixxernu wkoll dwar il-punti ta’ riflessjoni.
- Il-Kummissjonijiet/Għaqdiet jistgħu jiddiskutu tema ssuġġerita waqt laqgħa regolari tagħhom:

  - **Kunsill Pastorali Parrokkjali:**
    Is-Sieħba fil-Vjaġġ
    Nisimgħu
    Awtorita’ u Parteċipazzjoni
    Niddixxernu u Niddeċiedu

  - **Kummissjoni Djakonija:**
    Is-Sieħba fil-Vjaġġ
    Nisimgħu

  - **Kummissjoni Familja:**
    Is-Sieħba fil-Vjaġġ
    Nisimgħu
    Niffurmaw ruħna għas-Sinodalità

- **Kummissjoni Kateketika:**

  Is-Sieħba fil-Vjaġġ

  Nisimgħu

  Nieħdu l-Kelma f'Idejna

  Korresponsabbli fil-Missjoni

- **Kummissjoni Liturġija:**

  Is-Sieħba fil-Vjaġġ

  Nisimgħu

  Niċċelebraw

  Niddjalogaw fil-Knisja u fis-Soċjetà

  Mal-Konfessjonijiet Insara l-Oħra

- **Kummissjoni Żgħażagħ/Tfal:**

  Is-Sieħba fil-Vjaġġ

  Nisimgħu

# KOMUNJONI

Bir-rieda kollha tjieba tiegħu, Alla jiġborna flimkien f'fidi waħda minkejja d-diversità tagħna permezz tal-patt li hu joffri lill-poplu tiegħu. Il-komunjoni ta' bejnietna ssib l-għeruq l-iktar fondi tagħha fl-imħabba u l-unità tat-Trinità. Hu Kristu li jħabbibna mill-ġdid mal-Missier u jgħaqqadna bejnietna fl-Ispirtu s-Santu. Flimkien niġu mnebbħin mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, permezz tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, u mibnija fuq is-sensus fidei li naqsmu. Ilkoll għandna rwol xi nwettqu fid-dixxerniment u l-għixien tas-sejħa ta' Alla għall-poplu tiegħu.

**TEMI:** **IS-SIEĦBA FIL-VJAĠĠ**

**NISIMGĦU**

**NIEĦDU L-KELMA F'IDEJNA**

**NIĊĊELEBRAW**

**Suġġerimenti għall-Qari mill-Kelma ta' Alla:**

| | |
|---|---|
| Mark 3, 31-35 | Ġwanni 15, 1-8 |
| Ġwanni 15, 9-12 | Ġwanni 17, 20-26 |
| 1 Kor 12, 4-14 | Atti 2, 42-47 |

**IS-SIEĦBA FIL-VJAĠĠ**

**Fil-Knisja u fis-soċjetà ninsabu maġenb xulxin fl-istess triq.**

- Fil-Knisja lokali tagħna, min huma (jekk hemm) dawk li qed "jimxu flimkien"? Min qed jitlobna nimxu flimkien?
- Meta ngħidu "l-Knisja tagħna", min jagħmel parti minnha?
- Liema huma s-sieħba tal-vjaġġ, anki barra mill-ħitan tal-Knisja? Liema persuni jew gruppi qed jitħallew fit-trufijiet, espressament jew bħala stat ta' fatt?

**NISIMGĦU**

**Is-smigħ huwa l-ewwel pass, imma jitlob li nżommu moħħna u qalbna miftuħa, mingħajr preġudizzji.**

- Lil min il-Knisja partikulari tagħna hi "fid-dmir li tisma'"?
- Kif qed jiġu mismugħa l-lajċi, b'mod partikulari ż-żgħażagħ u n-nisa?
- Kif qed nintegraw is-sehem tal-ikkonsagrati?
- Xi spazju għandu l-leħen tal-minoranzi, tal-'mormijin' u tal-imwarrbin? X'inhu jtellifna milli nisimgħu lill-minoranzi, lill-'mormijin' u lill-imwarrbin?

**NIEĦDU L-KELMA F'IDEJNA**

**Ilkoll aħna msejħin nitkellmu bil-kuraġġ u l-qawwa, jiġifieri billi nħaddmu flimkien il-libertà, il-verità u l-imħabba.**

- Kif qed nippromovu fi ħdan il-komunità u l-organiżmi tagħha stil komunikattiv ħieles u awtentiku, mingħajr wiċċ b'ieħor u opportuniżmi? U fil-konfront tas-soċjetà li minnha nagħmlu parti?
- Meta u kif qed jirnexxilna ngħidu dak li hu għal qalbna?
- Kif inhi r-relazzjoni tagħna mas-sistema tal-midja (mhux biss dik Kattolika)?
- Min jitkellem f'isem il-komunità Nisranija u kif jiġi magħżul?

**NIĊĊELEBRAW**

**Nistgħu "nimxu flimkien" biss jekk nibnu fuq is-smigħ komunitarju tal-Kelma u fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.**

- B'liema mod it-talb u ċ-ċelebrazzjoni liturġika jnebbħu u jorjentaw effettivament il-"mixi flimkien" tagħna? Kif inebbħu d-deċiżjonijiet l-iżjed importanti?
- Kif qed nippromovu l-parteċipazzjoni attiva tal-Fidili kollha fil-liturġija u t-tħaddim tal-funzjoni tat-tqaddis?
- Xi spazju qed jingħata għat-tħaddim tal-ministeri tal-lettorat u tal-akkolitat?

# PARTEĊIPAZZJONI

Sejħa sabiex dawk kollha li jappartjenu għall-Poplu ta' Alla—lajċi, persuni kkonsagrati u ministri ordnati—jiġu involuti f'eżerċizzju ta' smigħ profond u kollu rispett ta' xulxin. Dan is-smigħ joħloq spazju sabiex flimkien nisimgħu l-Ispirtu s-Santu, u jmexxi l-aspirazzjonijiet tagħna għall-Knisja tat-Tielet Millennju. Il-parteċipazzjoni tibbaża fuq il-fatt li l-insara kollha jistgħu u huma msejjħa jaqdu lil xulxin permezz tad-doni li kull wieħed u waħda rċevew mingħand l-Ispirtu s-Santu. Fi Knisja sinodali l-komunità kollha, fil-varjetà għanja u libera tal-membri tagħha, hi msejjħa biex flimkien titlob, tisma', tanalizza, tiddjaloga, tiddixxerni u tagħti pariri bil-għan li jittieħdu deċiżjonijiet pastorali li jaqblu kemm jista' jkun mar-rieda ta' Alla. Huma meħtieġa sforzi ġenwini sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' dawk li huma emarġinati jew iħossuhom esklużi.

**TEMI:** **AWTORITÀ U PARTEĊIPAZZJONI**

**NIDDIXXERNU U NIDDEĊIEDU**

**NIFFURMAW RUĦNA GĦAS-SINODALITÀ**

**Suġġerimenti għall-Qari mill-Kelma ta' Alla:**

Mattew 25, 31-46

Mark 9, 38-48

Luqa 14, 12-14

Matthew 28, 18-20

Luqa 12, 35-40

**AWTORITÀ U PARTEĊIPAZZJONI**

**Knisja sinodali hija Knisja parteċipattiva u korresponsabbli.**

- Kif nidentifikaw l-għanijiet li rridu nilħqu, it-toroq biex nilħquhom u l-passi li jeħtieġ nagħmlu?
- Kif tiġi mħaddma l-awtorità fi ħdan il-Knisja partikulari tagħna? Liema huma l-prattiċi ta' ħidma f'tim u ta' korresponsabbiltà?
- Kif qed nippromovu l-ministeri lajkali u r-responsabbiltajiet ġodda min-naħa tal-Fidili?
- Kif jaħdmu l-organiżmi ta' sinodalità fuq il-livell ta' Knisja partikulari? Huma esperjenzi li jħallu l-frott?

## NIDDIXXERNU U NIDDEĊIEDU

**Fi stil sinodali niddeċiedu b'dixxerniment, skont kunsens li joħroġ mill-ubbidjenza komuni għall-Ispirtu.**

- B'liema proċeduri u b'liema metodi niddixxernu flimkien u nieħdu deċiżjonijiet? Kif nistgħu ntejbuhom?
- Kif nippromovu l-parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet fi ħdan komunitajiet ġerarkikament strutturati?
- Kif nartikulaw il-fażi konsultattiva ma' dik tad-diskussjoni, il-proċess tad-decision-making mal-mument tad-decision-taking? B'liema mod u b'liema għodod qed nippromovu trasparenza u accountability?

**NIFFURMAW RUĦNA GĦAS-SINODALITÀ**

**L-ispiritwalità li nimxu flimkien hi msejħa ssir prinċipju edukattiv għall-formazzjoni tal-persuna umana u tan-Nisrani, tal-familji u tal-komunitajiet.**

- Kif qed niffurmaw il-persuni, b’mod partikulari dawk li għandhom rwoli ta’ responsabbiltà fi ħdan il-komunità Nisranija, biex nagħmluhom iżjed kapaċi “jimxu flimkien”, jisimgħu lil xulxin u jiddjalogaw ma’ xulxin?
- X’formazzjoni qed noffru għad-dixxerniment u għat-tħaddim tal-awtorità?
- Liema għodod jgħinuna naqraw id-dinamiċi tal-kultura li fiha ninsabu u l-impatt tagħhom fuq l-istil tagħna ta’ Knisja?

# MISSJONI

Il-Knisja teżisti biex tevanġelizza. Ma nistgħu qatt inkunu medhijin bina nfusna. Il-missjoni tagħna hija li nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla f'nofs il-familja kollha tal-bnedmin. Dan il-proċess sinodali għandu dimensjoni profondament missjunarja. Għandu l-għan li jgħin lill-Knisja tagħti xhieda aħjar tal-Evanġelju, b'mod speċjali ma' dawk li jgħixu fil-periferiji spiritwali, soċjali, ekonomiċi, politiċi, ġeografiċi, u eżistenzjali tad-dinja tagħna. B'dan il-mod, is-sinodalità hija triq li permezz tagħha l-Knisja tista' twettaq b'iktar frott il-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni fid-dinja, bħala ħmira għas-servizz tal-miġja tas-Saltna ta' Alla.

**TEMI:** **KORRESPONSABBLI FIL-MISSJONI**

**NIDDJALOGAW FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETÀ**

**MAL-KONFESSJONIJIET INSARA L-OĦRA**

**Suġġerimenti għall-Qari mill-Kelma ta' Alla:**

| | |
|---|---|
| Mattew 9, 35-37 | Mattew 10, 7-14 |
| Mattew 10, 16-20 | Mattew 28, 16-20 |
| Luqa 10, 1-9 | Luqa 10, 17-24 |

**KORRESPONSABBLI FIL-MISSJONI**

**Is-sinodalità qiegħda għas-servizz tal-missjoni tal-Knisja, li fiha l-membri kollha tagħha huma msejħin jipparteċipaw.**

- Billi aħna lkoll dixxipli missjunarji, b'liema mod kull imgħammed hu msejjaħ ikun protagonista tal-missjoni?
- Kif il-komunità qiegħda twieżen lill-membri tagħha impenjati f'xi servizz fis-soċjetà (impenn soċjali u politiku, fit-tiftix xjentifiku u fit-tagħlim, fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, fil-ħarsien tad-drittijiet umani u fl-għożża tad-Dar komuni, u l-bqija)?
- Kif tgħinhom jgħixu dawn l-impenji f'loġika ta' missjoni?
- Kif qed isir id-dixxerniment fuq l-għażliet marbuta mal-missjoni u min għandu sehem fih?

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

## NIDDJALOGAW FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETÀ

**Id-djalogu huwa mixja ta' perseveranza, li tiġbor fiha wkoll silenzji u tbatijiet, imma li kapaċi tilqa' l-esperjenza tal-persuni u tal-popli.**

- Liema huma l-postijiet u l-modi ta' djalogu fi ħdan il-Knisja partikulari tagħna?
- Kif jiġu affrontati d-diverġenzi fil-viżjoni, il-kunflitti, id-diffikultajiet?
- Kif qed nippromovu l-kollaborazzjoni mad-Djoċesijiet tal-qrib, ma' u bejn il-komunitajiet reliġjużi preżenti fit-territorju, ma' u bejn għaqdiet u moviment lajkali, u l-bqija?
- Liema esperjenzi ta' djalogu u ta' impenn maqsuma flimkien qed inkomplu mexjin 'il quddiem fihom id f'id ma' membri ta' reliġjonijiet oħra u ma' min ma jemminx?
- Il-Knisja kif qed tiddjaloga u titgħallem minn oqsma oħra tas-soċjetà: id-dinja tal-politika, tal-ekonomija, tal-kultura, is-soċjetà ċivili, il-foqra?

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

## MAL-KONFESSJONIJIET INSARA L-OĦRA

**Id-djalogu bejn l-Insara ta' diversi konfessjonijiet, imxierka flimkien minn Magħmudija waħda, għandu post partikulari fil-mixja sinodali.**

- Liema relazzjonijiet għandna mal-aħwa tal-Konfessjonijiet Insara l-oħra (anglikani, luterani, ortodossi, eċċ.)?
- Liema frott ksibna minn din il-"mixja flimkien"?
- Liema huma d-diffikultajiet?